# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 1 ta' Novembru 2019

**Rikors Numru : 188/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**KD**

**vs**

**GD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' KD, datat 30 ta' April 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Francesca Portelli mis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) (Ara Dok B anness);*

*Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 3), l-ebda manteniment m'hu dovut fir-rispett tal-konjugi stante li huma irrinunzjaw bl-aktar mod irrevokabbli u assolut ghad-dritt taghhom li jitolbu u/jew jircievu manteniemnt minghand xulxin b'tali rinunzja tkun wahda definittiva;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erbgha (4) snin mifrudin illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ili ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata, hi baqghet ma ntavolat ebda risposta u ghalhekk hija kontumaci (Vide fol 16);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Awissu 2019, permezz tal-liema akkordat lil intimata hmistax (15)-il gurnata sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi minkejja dan, l-intimata baqghet inadempjenti;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KD** xehed illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Settembru 2011 u kienu ottjenew s-separazzjoni

personali fis-6 ta' Marzu 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi l-partijiet ma kellhomx tfal u li m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Settembru, 2011 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhom ebda wild;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli, datat 6 ta' Marzu, 2015 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk ilhom isseparati ghal aktar mill-erba' snin stipulati fil-ligi.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi ir-rikorrenti irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**